Nru. 17,540
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 13 ta' Frar, 2004
Friday, 13th February, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 139

UNURI U DEKORAZZJONIJIET BARRANIN

NGĦARRFU b'din illi skond l-artikolu 29(1) ta' l-Att ta' l-1975 dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, awtorizza r-rikonoxximent tal-Midalja ta' El-Fateh l-Ewwel Grad mogħtija lilu mill-E.T il-Kurunell Muammar El-Gaddhafi, Mexxej tar-Rivoluzzjoni l-Kbira ta' El-Fateh tal-Ġamaħirija Għarbija Libjana Popolari Soċjalista.

It-8 ta' Frar, 2004
COF 575/1962/VII

Nru. 140

ĦATRA FL-ORDNI NAZZJONALI TAL-MERITU

SKOND l-artikolu 22 ta' l-Att ta' l-1975 dwar Ġieħ ir-Repubblika, u skond ir-Regola 3 tar-Regoli ta' l-1990 dwar Unuri, Għotjiet u Dekorazzjonijiet, il-Kanċillier ta' l-Ordnijiet Maltin b'din jordna illi l-E.T. il-Kurunell Muammar El-Gaddhafi, il-Mexxej tar-Rivoluzzjoni l-Kbira ta' El-Fateh tal-Ġamaħirija Għarbija Libjana Popolari Soċjalista, inħatar Membru Onorarju ta' l-Ordni Nazzjonali tal-Meritu fil-grad ta' Kumpann ta' l-Unur bil-Kullar.

It-8 ta' Frar, 2004
OPM 345/1989/IV

GOVERNMENT NOTICES

No. 139

FOREIGN HONOURS AND DECORATIONS

IT is hereby notified that in terms of section 29(1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, 1975, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has authorised the recognition of the Medal of El-Fateh First Degree bestowed on him by H.E. Colonel Muammar El-Gaddhafi, Leader of the Great El-Fateh Revolution of the Great Socialist People's Libyan Arab Jamahiriya.

8th February, 2004

No. 140

APPOINTMENT TO THE NATIONAL ORDER OF MERIT

IN terms of section 22 of the Ġieħ ir-Repubblika Act, 1975 and in accordance with Rule 3 of the Rules for Honours, Awards and Decorations 1990, the Chancellor of the Maltese Orders hereby notifies that H.E. Colonel Muammar El-Gaddhafi, Leader of the Great El-Fateh Revolution of the Great Socialist People's Libyan Arab Jamahiriya, has been appointed Honoarary Member of The National Order of Merit in the grade of Companion of Honour with Collar.

8th February, 2004

Nru. 141

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Lawrence Gonzi, LL.D., M.P., Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru b'seħħ minn nhar il-Ħamis, it-12 ta' Frar, 2004, matul l-assenza ta' l-Onor. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P.

It-12 ta' Frar, 2004
(OPM 12/2004)

No. 141

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Lawrence Gonzi, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Social Policy, assume the additional duties of the Prime Minister with effect from Thursday, 12th February, 2004, during the absence of the Hon. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P.

12th February, 2004

Nru. 142

PRESIDENTI TA' MALTA PREĊEDENTI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi President ta' Malta preċedenti għandu jkun indirizzat bħala President Emeritus ta' Malta.

It-13 ta' Frar, 2004
OPM/85/57

No. 142

FORMER PRESIDENTS OF MALTA

IT is notified for general information that a former President of Malta should be addressed as President Emeritus of Malta.

13th February, 2004

Nru. 143

ATT DWAR IL-KUNSILL MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI (KAP. 431)

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 903 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Ottubru, 2003, ngħarrfu b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru approva l-persuni li ġejjin biex joqogħdu fuq il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali sat-28 ta' Settembru, 2004, wara l-elezzjonijiet li saru fil-Kunsill Malti tal-Kamra tal-Kummerċ u Intraprizi:

Is-Sur Louis Apap Bologna, BA(Hons) Econ., President tal-Kunsill Malti tal-Kamra tal-Kummerċ u Intraprizi jinħatar membru minflok is-Sur Reginald Fava, B.Pharm, MR. Pharm. S, DBA, MCPP, MRSH.

Is-Sur Michael Scerri, FCCA, FIA, CPAA, Viċi President Anzjan tal-Kunsill Malti tal-Kamra tal-Kummerċ u Intraprizi jinħatar membru sostitut minflok is-Sur Louis Apap Bologna, BA (Hons) Econ.

It-13 ta' Frar, 2004
OPM/181/2001/II

No. 143

MALTA COUNCIL FOR ECONOMIC AND SOCIAL DEVELOPMENT ACT (CAP. 431)

WITH reference to Government Notice No. 903 published in the Government Gazette of the 3rd October 2003, it is hereby notified for general information that the Prime Minister has approved the following persons to sit on the Malta Council for Economic and Social Development up to 28th September 2004, following the elections within the Council of the Malta Chamber of Commerce and Enterprise:

Mr Louis Apap Bologna, BA(Hons) Econ., President of the Malta Chamber of Commerce and Enterprise be appointed member in lieu of Mr Reginald Fava, B.Pharm, MR. Pharm. S, DBA, MCPP, MRSH.

Mr Michael Scerri, FCCA, FIA, CPAA, Senior Vice President of the Malta Chamber of Commerce and Enterprise be appointed as substitute member in lieu of Mr Louis Apap Bologna, BA (Hons) Econ.

13th February, 2004

Nru. 144

KUMMISSJONI NAZZJONALI GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond l-Artikolu 8 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, ġie approvat li l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli tkun kostitwita kif ġej:

Chairman
Il-Prim Ministru
(fl-assenza tal-Prim Ministru) L-Onor. George Pullicino, B.E.&A. (Hons.), A.&C.E., M.P., Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Membri
Is-Sur Anthony C Mifsud, Dip.Bus.Law&Accty., FIPD
Is-Sur Patrick Tabone
Dott. Simone Borg, LL.D., M Jur (Int.Law)(Hons.)
Is-Sur Joseph Portelli, B.A. (Hons.) Accty., F.I.A., C.P.A.
Dott. Joe Bugeja, B.A., B.Ed.(Hons.), M.A., LL.D.
Ms Marisa Micallef Leyson, B.A., M.Sc.(Policy Studies)
Is-Sur Anthony Spiteri, Dip. Management
Is-Sur Alfred Demicoli, B.A.
Dott. Karen Vincenti, M.D., MSc., (Public Health), P.G. Dip.Inf.Dis.
Dott. Helga Zahra, LL.D.
Is-Sur Emanuel Delia, B.A.(Hons.), M.Sc. (Lond.)
Dott. Paul Pace, B.Ed. (Hons.), M.Ed., Ph.D. (Bradford)
Is-Sur Charles D'Alfonso
Is-Sur Malcolm Borg
Ms Helen D'Amato, M.P.
Dott. Joseph Brincat, LL.D., B.A. (Lond), BSc Econ, M.P.
Dott. Godwin Cassar, B.Arch, Dip.BIE(R'dam), A&CE, FRTPI, D.UNIV (B'gham)
Is-Sur Victor Scicluna, FIA, CPAA
Dott. Christopher Said, LL.D.
Dott. Marguerite Camilleri, Ph.D. (Cambridge) Environmental Policy, M.Phil. BA Comp. Science
Ms Marie Louise Mangion, BA (Hons.) Economics
Inġ. Robert Musumeci, B.E.&A. (Hons.) A&CE Eur Ing.
Is-Sur Anthony Sammut, B.E.&A. (Hons.), M.Sc., Eur.Ing.A.&C.E.
Ms Maria Attard, A.L.C.M., B.A. (Hons.), M.A.
Ms Grace Attard
Dott. Inġ. Jonathan Borg, B. Mech.Eng. (Hons.), M.Sc (Strath.), Ph.D (Strath.) MIED, I.Eng.
Il-Prof. Victor Axiaq, Ph.D.
Il-Prof. Lino Briguglio, Ph.D. (Econ.) Exeter
Is-Sur Vince Attard, Dip. Business Management & Admin., LIDPM (Data Processing Management)
Is-Sur Martin Scicluna
Il-Prof Edward Mallia, B.Sc., MA., D.Phil.
Dott. Joseph Cilia, B.Elec.Eng., M.Sc., Ph.D, MIEEE
Is-Sur Jean Paul de Lucca, B.A. (Hons.)

No. 144

NATIONAL COMMISSION FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT

IT is notified for general information that in accordance with Article 8 of the Environment Protection Act 2001, the National Commission for Sustainable Development has been composed as follows:-

Chairman
The Prime Minister
(in the absence of the Prime Minister) Hon. George Pullicino, B.E.&A. (Hons.), A.&C.E., M.P., Minister for Rural Affairs and the Environment

Members
Mr Anthony C Mifsud, Dip.Bus.Law&Accty., FIPD
Mr Patrick Tabone
Dr Simone Borg, LL.D., M Jur (Int.Law)(Hons.)
Mr Joseph Portelli, B.A. (Hons.) Accty., F.I.A., C.P.A.
Dr Joe Bugeja, B.A., B.Ed.(Hons.), M.A., LL.D.
Ms Marisa Micallef Leyson, B.A., M.Sc.(Policy Studies)
Mr Anthony Spiteri, Dip. Management
Mr Alfred Demicoli, B.A.
Dr Karen Vincenti, M.D., MSc., (Public Health), P.G. Dip.Inf.Dis.
Dr Helga Zahra, LL.D.
Mr Emanuel Delia, B.A.(Hons.), M.Sc. (Lond.)
Dr Paul Pace, B.Ed. (Hons.), M.Ed., Ph.D. (Bradford)
Mr Charles D'Alfonso
Mr Malcolm Borg
Ms Helen D'Amato, M.P.
Dr Joseph Brincat, LL.D., B.A. (Lond), BSc Econ, M.P.
Dr Godwin Cassar, B.Arch, Dip.BIE(R'dam), A&CE, FRTPI, D.UNIV (B'gham)
Mr Victor Scicluna, FIA, CPAA
Dr Christopher Said, LL.D.
Dr Marguerite Camilleri, Ph.D. (Cambridge) Environmental Policy, M.Phil. BA Comp. Science
Ms Marie Louise Mangion, BA (Hons.) Economics
Ing. Robert Musumeci, B.E.&A. (Hons.) A&CE Eur Ing.
Mr Anthony Sammut, B.E.&A. (Hons.), M.Sc., Eur.Ing.A.&C.E.
Ms Maria Attard, A.L.C.M., B.A. (Hons.), M.A.
Ms Grace Attard
Dr Ing Jonathan Borg, B. Mech.Eng. (Hons.), M.Sc (Strath.), Ph.D (Strath.) MIED, I.Eng.
Prof. Victor Axiaq, Ph.D.
Prof. Lino Briguglio, Ph.D. (Econ.) Exeter
Mr Vince Attard, Dip. Business Management & Admin., LIDPM (Data Processing Management)
Mr Martin Scicluna
Prof. Edward Mallia, B.Sc., MA., D.Phil.
Dr Joseph Cilia, B.Elec.Eng., M.Sc., Ph.D, MIEEE
Mr Jean Paul de Lucca, B.A. (Hons.)

Dott. Aldo Drago, B.Sc., M.Sc., Ph.D (Southampton) Marine Physics
Is-Sur Anthony Ellul, B.A. (Hons) Business Management, M.Sc.Envr. Planning & Management
Inġ. Carmel Ellul, Dip.Eng (Hons) Mech.
Dott. Vincent Buhagiar, B.E.&A. (Hons.), M.Sc. (Lond.), Ph.D. (Wales), A.&C.E.

Segretarju
Is-Sur Emmanuel Borg

13 ta' Frar, 2004

Dr Aldo Drago, B.Sc., M.Sc., Ph.D (Southampton) Marine Physics
Mr Anthony Ellul, B.A. (Hons) Business Management, M.Sc.Envr. Planning & Management
Ing. Carmel Ellul, Dip.Eng (Hons) Mech.
Dr Vincent Buhagiar, B.E.&A. (Hons.), M.Sc. (Lond.), Ph.D. (Wales), A.&C.E.

Secretary
Mr Emmanuel Borg

13th February, 2004

Nru. 145

ĦATRA TA' AĠENT KAP KUMMISSJUNARJU ELETTORALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 145

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF ELECTORAL COMMISSIONER

THE Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	*UFFIĊĊJU* *OFFICE*	DATA *DATE*
Mr George Saliba	Kummissjunarju Elettorali *Electoral Commissioner*	Uffiċċju Elettorali *Electoral Office*	11 – 14.02.2004

It-13 ta' Frar, 2004

13th February, 2004

Nru. 146

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI U REĠISTRATUR TAL-QRATI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 146

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL AND REGISTRAR OF COURTS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	*DIVIŻJONI* *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Kevin Mahoney	Direttur Ġenerali u Reġistratur tal-Qrati *Director General and Registrar of Courts*	Qrati tal-Ġustizzja *Courts of Justice*	18 – 29.02.2004

Id-9 ta' Frar, 2004

9th February, 2004

CJ/72/96

Nru. 147

ATT TA' L-1996 DWAR L-ARKITETTI U INĠINIERI ĊIVILI (PERITI)
(ATT NRU. XIV TA' L-1996)

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1058 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-14 ta' Novembru, 2003, dwar il-kompożizzjoni tal-Bord tal-*Warrant* tal-Periti, ngħarrfu b'din illi s-Sur Ray Farrugia ssostitwixxa lis-Sur Emmanuel V. Zarb bħala Segretarju tal-Bord b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2004.

It-13 ta' Frar, 2004

No. 147

ARCHITECTURE AND CIVIL ENGINEERING PROFESSIONALS (PERITI) ACT, 1996
(ACT NO. XIV OF 1996)

WITH reference to Government NoticeNo. 1058 published in the Government Gazette dated 14th November, 2004, regarding the composition of the Bord tal-Warrant tal-Periti, it is hereby notified that Mr Ray Farrugia has replaced Mr Emmanuel V. Zarb as Board Secretary with effect from 1st January, 2004.

13th February, 2004

Nru. 148

REĠISTRU TA' L-ARTIJIET

B'DAN qed ngħarraf li avviż dwar depożitu ta' kawzjoni bin-numru indikat hawn isfel u li tolqot il-propjetajiet irreġistrati bit-titoli indikati hawn taħt, intbagħat permezz ta' ittra rreġistrata mmarkata u indirizzata lill-persuni indikati f'Artikolu 50 ta' l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' l-Artijiet (Kap. 296), liema avviż ġie ritornat lir-Reġistru ta' l-Artijiet.

Dan l-avviż għandu jitqies bħala avviż notifikat, għall-fini kollha tal-liġi, kif stipulat mir-Regolamenti dwar it-Reġistrazzjoni ta' l-Artijiet.

Nru. tal-Kawzjoni *Caution No.*	Indirizz ta' min qed jiġi notifikat *Address of notified person*	Titolu Nru. *Title No.*
LRC70/04	Maria Concetta Grech 7, Triq Valletta l-Imqabba	09002354
LRC70/04	Salvu Borg Nicolai Triq il-Mandolina Birżebbuġa	09002354

Dott. Stephanie Mizzi
Reġistratur ta' l-Artijiet

It-13 ta' Frar, 2004

No. 148

LAND REGISTRY

NOTICE is hereby given that a notice of lodgement of a caution with the number indicated below and which affects property registered by the titles hereunder indicated has been forwarded by means of a registered letter marked and addressed to persons indicated in Article 50 of the Land Registry Act (Cap. 296), which letter has been returned to the Land Registry.

This notice shall, for all intents and purposes, be deemed to be a notice duly served in terms of the Land Registration Rules.

Dr Stephanie Mizzi
Land Registrar

13th February, 2004

Nru. 149

ATT DWAR ID-DJAR
(KAP. 125)

Avviż

IKUN jaf kulħadd li l-postijiet hawn taħt imsemmija tneħħew minn taħt ir-rekwiżizzjoni peress li mhumiex abitabbli u/jew fihom il-periklu. Fil-mument huma battala.

Għalhekk kull min wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, japplika għall-akkomodazzjoni jew għal xi benefiċċju taħt xi skema mnedija minn żmien għal żmien mid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali minn xi wieħed minn dawn il-postijiet, mhux se jingħata preferenza fuq ħaddieħor għarraġuni biss li qed joqogħdu f'post *substandard* jew bil-periklu.

Kull min hu interessat jista' japplika biex fond jitneħħa minn din il-lista billi jġib provi li jkunu saru x-xogħlijiet biex jitneħħa l-periklu jew biex il-fond isir abitabbli.

RO 7126	15, Triq Santa Elena, Bormla
RO 4244	59, Triq San Ġwann, Bormla
RO 53875	3, Sqaq Nru. 1, Triq il-Kbira, ir-Rabat
RO 34976	75, Triq Santu Rokku, Birkirkara
RO 35719	89, Flat 4, Triq San Duminku, Valletta
RO 47593	13, 'Verdala Flats', Flat 10, Triq Vilhena, Floriana
RO 32817	19, Pjazza San Franġisk, Ħal Qormi

It-13 ta' Frar, 2004

No. 149

HOUSING ACT
(CAP. 125)

Notice

IT is hereby notified that the premises listed hereunder have been derequsitioned because they were substandard and/or dangerous structures. Presently they are unoccuppied.

Therefore whosoever applies for accommodation or for any other benefits under Social Housing Schemes existing from time to time from one of these premises following the publication of this Notice, will not be given preference over other applicants on grounds of residence in substandard or dangerous premises.

Anyone who is interested may apply to have any premises removed from this list on production of evidence of works carried out for the removal of danger or for rendering premises habitable.

RO 7126	15, Triq Santa Elena, Cospicua
RO 4244	59, Triq San Ġwann, Cospicua
RO 53875	3, Sqaq Nru. 1, Triq il-Kbir, ir-Rabat
RO 34976	75, Triq Santu Rokku, Birkirkara
RO 35719	89, Flat 4, Triq San Duminku, Valletta
RO 47593	13, 'Verdala Flats', Flat 10, Triq Vilhena, Floriana
RO 32817	19, Pjazza San Franġisk, Qormi

13th February, 2004

Nru. 150

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAPITLU 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
06. 02. 04	Lm4.44c3	7c9
09. 02. 04	Lm4.42c8	7c9
11. 02. 04	Lm4.48c2	8c1
12. 02. 04	Lm4.47c8	8c1

It-13 ta' Frar, 2004

No. 150

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CHAPTER 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

13th February, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 7

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija ser jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jipparkjaw, jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Valletta

Nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Frar, 2004, mis-1.00 a.m. minn parti mill-Pjazza San Ġorġ u Triq ir-Repubblika bejn it-Triq it-Teatru u Bieb il-Belt.

Nhar is-Sibt, il-21 ta' Frar, 2004, mis-6.00 a.m. minn parti mill-Pjazza San Ġorġ u Triq ir-Repubblika, Vjal Ġilormu Cassar, Pjazza Kastilja, Triq Merkanti u Triq San Ġwann.

Sa nhar is-Sibt, il-21 ta' Frar, 2004, parti minn Triq San Sebastjan sal-Forti Sant'Iermu.

Nhar il-Ħadd, it-22 ta' Frar, 2004, mis-6.00 a.m. minn parti mill-Pjazza San Ġorġ u Triq ir-Repubblika, Vjal Ġilormu Cassar, Pjazza Kastilja, Triq Merkanti u Triq San Ġwann.

Nhar it-Tnejn, it-23 ta' Frar, 2004, mis-6.00 a.m. minn parti mill-Pjazza San Ġorġ u Triq ir-Repubblika, Vjal Ġilormu Cassar, Pjazza Kastilja, Triq Merkanti u Triq San Ġwann.

Nhar it-Tlieta, l-24 ta' Frar, 2004, minn parti mill-Pjazza San Ġorġ u Triq ir-Repubblika.

Il-Furjana

Nhar is-Sibt, il-21 ta' Frar, 2004, mit-3.00 p.m. sa l-4.00 p.m. tal-Ħadd, it-22 ta' Frar, 2004, minn Vjal Nelson, Triq Sant'Anna u l-foss ta' San Ġakbu.

Nhar it-Tlieta, l-24 ta' Frar, 2004, mill-4.00 p.m. minn Vjal Nelson u Triq Sant'Anna.

Il-vetturi misjuba qed jiksru l-ordni ta' dan l-avviż huma soġġetti li jiġu rmunkati.

It-13 ta' Frar, 2004

POLICE NOTICE

No. 7

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the date and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the parking, passing and transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Valletta

On Friday, 20th February, 2004, from 1.00 a.m. from part of Pjazza San Ġorġ and Triq ir-Repubblika between Triq it-Teatru and City Gate.

On Saturday, 21st February, 2004, from 6.00 a.m. from part of Pjazza San Ġorġ and Triq ir-Repubblika, Vjal Ġilormu Cassar, Pjazza Kastilja, Triq Merkanti and Triq San Ġwann.

Up to Saturday, 21st February, 2004, part of Triq San Sebastjan up to Fort Saint Elmo.

On Sunday, 22nd February, 2004, from 6.00 a.m. from part of Pjazza San Ġorġ and Triq ir-Repubblika, Vjal Ġilormu Cassar, Pjazza Kastilja, Triq Merkanti and Triq San Ġwann.

On Monday, 23rd February, 2004, from 6.00 a.m. from part of Pjazza San Ġorġ and Triq ir-Repubblika, Vjal Ġilormu Cassar, Pjazza Kastilja, Triq Merkanti and Triq San Ġwann.

On Tuesday, 24th February, 2004, from part of Pjazza San Ġorġ and Triq ir-Repubblika.

Floriana

On Saturday, 21st February, 2004, from 3.00 p.m. till 4.00 p.m. of Sunday, 22nd February, 2004, from Vjal Nelson, Triq Sant'Anna and il-Foss ta' San Ġakbu.

On Tuesday, 24th February, 2004, from 4.00 p.m. from Vjal Nelson and Triq Sant'Anna.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

13th February, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 8 ta' l-2004

Tellieqa bil-Canoes fil-Port ta' Marsamxett

It-Tellieqa Annwali bil-*Canoes* madwar Manoel Island se ssir nhar il-Ħadd, is-7 ta' Marzu, 2004.

It-tlielaq se jkunu mil-lemin għax-xellug madwar *Manoel Island* prinċipalment ħamsin (50) metru 'l hinn mix-xatt. Il-bidu u t-tluq se jkun fl-i*Strand* - Tas-Sliema faċċata tal-Fergħa Prinċipali ta' l-*HSBC*.

Meta jaslu ħdejn *derelict wooden walk* fuq l-art il-kompetituri se jaqsmu għan-naħa tal-*Ferries* ta' Tas-Sliema u jkomplu matul l-i*Strand Promenade*.

Minħabba dan, il-baħħara li jkunu qegħdin ibaħħru fid-Daħla ta' Tas-Sliema u fil-viċinanzi ta' *Manoel Island* fil-Port ta' Marsamxett huma mwissija biex joqogħdu attenti għal dawk bil-*canoes*, biex iżommu 'l bogħod u biex ibaħħru bil-mod ħafna nhar il-Ħadd, is-7 ta' Marzu, 2004 bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m.

Chart affettwata: BA 177

It-13 ta' Frar, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 8 of 2004

Canoe Race at Marsamxett Harbour

The annual Canoe Race around Manoel Island will be held on Sunday, 7th March, 2004.

The races will be in anti-clockwise laps around Manoel Island mainly within fifty (50) metres off the shoreline. The start and finish will be at the Strand - Sliema opposite the HSBC Headquarters.

On reaching the derelict wooden walk ashore competitors will cross to Sliema Ferries and proceed alongside the Strand Promenade.

In view of the above, mariners navigating in Sliema Creek and in the vicinity of Manoel Island in Marsamxett Harbour are advised to keep a sharp lookout for the canoeists, to give a wide berth and navigate at very slow speed on Sunday, 7th March, 2004, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m.

Chart affected: BA 177

13th February, 2004

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI

(KAP. 437)

Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Ewwel Elezzjonijiet tal-Kunsill tal-Kirugi Veterinarji

Nominazzjonijiet ta' Kandidati

Ngħarrfu b'dan skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Ewwel Elezzonijiet tal-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji, illi nominazzjonijiet ta' kandidati biex jimtlew vakanzi ta' erba' kirugi veterinarji, tnejn mil-liema għandhom esperjenza f'annimali kbar, u tnejn b'esperjenza f'annimali żgħar, bħala Membri tal-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji, skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 39(2)(d) ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437), jintlaqgħu mid-Dipartiment Internazzjonali u Kordinazzjoni Legali, Diviżjoni ta' l-Ikel u Attività Veterinarja, Albertown, il-Marsa, minn nhar it-Tnejn, is-16 ta' Frar sa l-Erbgħa, it-18 ta' Frar, 2004, bejn id-9.00 a.m. u s-2.00 p.m.

VETERINARY SERVICES ACT, 2001

(CAP. 437)

Veterinary Surgeons' Council (First Elections) Regulations, 2003

Nomination of Candidates

It is hereby notified in pursuance of the aforementioned provisions of the Veterinary Surgeons' Council (First Elections) Regulations, 2003, that the nomination of four licensed veterinary surgeons, two of whom shall be veterinary surgeons with experience in practice on large animals, and two with experience in practice on small animals, in accordance with the provisions of article 39(2)(d) of the Veterinary Services Act, 2001 (Cap. 437), will be received by the Department for Legal and International Co-Ordination, Food and Veterinary Regulation Division, Albertown, Marsa, from Monday 16th to Wednesday 18th February, 2004 between 9.00 a.m. and 2.00 p.m.

Il-formoli tan-notifikazzjonijiet għal kandidati jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju msemmi hawn fuq f'Malta.

Is-Sur Herbert Guillaumier
Is-Sur Ray Bezzina
Dott. Maria Pia Micallef, B.A., LL.D.

Kummissjoni għall-Elezzjoni tal-Kirurgi Veterinarji

It-13 ta' Frar, 2004

Nominations forms for candidates are obtainable from the above-mentioned department in Malta.

Mr Herbert Guillaumier
Mr Ray Bezzina
Dr Maria Pia Micallef, B.A., LL.D.

Veterinary Surgeons'Council Election Commission

13th February, 2004

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Deputat Direttur
Institute of Business and Commerce

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jeħtieġ jingaġġa Deputat Direttur, *Institute of Business and Commerce*.

Id-Deputat Direttur ta' l-Istitut ikun jeħtieġ li jwettaq dmirijiet li jingħatawlu mid-Direttur ta' l-Istitut, inklużi li jaġixxi f'isimha kif ikun meħtieġ. L-applikanti għandu jkollhom ta' l-anqas ħames snin esperjenza maniġerjali. Esperjenza fit-tagħlim/*lecturing* fil-qasam relevanti titqies ta' vantaġġ.

Il-kandidat li jintgħażel għandu jkun kapaċi bil-provi li jagħti motivazzjoni u jmexxi membri ta' tim biex jiksbu għanijiet stabbiliti mill-Bord ta' Gvernaturi. Hu jkollu juri inizjattiva, ikollu kapaċitajiet ta' intraprizà biex jgħin fit-tmexxija ta' l-Istitut bħala *unit* effiċjenti u *cost-effective*, ikun kapaċi jaħdem f'tim u jkun flessibbli biex iwettaq kull dmir relatat mat-tmexxija ta' kuljum ta' l-Istitut. L-applikant li jintgħażel ikun ingaġġat fuq kuntratt definit ta' tliet snin, li wara jiġġedded suġġett għal servizz sodisfaċenti. Il-post huwa suġġett għal ġimgħa ta' erbgħin siegħa u jinkludi perjodu ta' prova ta' sena.

L-applikanti għandhom jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, li tinkiseb *online* jew mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, Raħal Ġdid, mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Frar, 2004. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA O8.

It-13 ta' Frar, 2004

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Deputy Director
Institute of Business and Commerce

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to reruit a Deputy Director, Institute of Business and Commerce.

The Deputy Director of Institute will be required to perform functions as are delegated to him/her by the Director of Institute, including that he/she acts on her behalf as may be necessary. Applicants are to have at least five years managerial experience. Teaching/lecturing experience in a relevant field will be considered an asset.

The successful candidate will have proven ability to motivate and lead team members to achieve objectives set by the Board of Governors. He/She will show initiative, possess entrepreneurial skills to help run the Institute as an efficient and cost-effective unit, be able to work in a team and be flexible in carrying out any duties connected with the day-to-day running of the Institute. The successful applicant will be engaged on a three-year definite contract, renewable thereafter subject to stisfactory performance. The post is subject to a forty-hour week and entails a probationary period of one year.

Applicants should submit the MCAST Application Form, available online and from the Office of the Administrative Director, Paola, by not later than Friday, 27th February 2004 at noon. Late applications will not be considered. If further information is required please refer to the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08.

13th February, 2004

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

***IT Lecturing Staff* f'Malta u Għawdex**

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jeħtieġ jingaġġa *lecturing staff full* u *part-time* fl-Istitut tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Komunikazzjoni fil-livelli kolha sa l-ewwel *degree*.

Lecturing staff għandu jkollhom esperjenza u kwalifiki f'wieħed jew iżjed minn dawn l-oqsma:

Computer Systems and Architecture

Software Development (Visual Basic, C++, Java, Applications)

Web Development

Computer Networks (LANS, WANS)

Object Oriented Techniques Systems

E-Commerce

Artificial Intelligence

Quality Assurance

Project Management Operating

Dan jitlob għal-*lecturing personnel* motivat li qed jaħdem biex jikseb karriera tajba ma' organizzazzjoni li qed tħares 'il quddiem u tikber malajr. Il-persuni jkunu meħtieġa li jkunu profiċjenti fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u komunikazzjoni u li huma kompetenti li jgħaddu t-tagħrif u kapaċitajiet prattiċi li huma essenzjali għall-ekonomija ta' l-informazzjoni tal-lum. Studenti Universitarji fl-aħħar sena huma mitluba japplikaw minħabba li teżisti għażla fejn il-kandidat jista' jibda jaħdem kif itemm l-istudji tiegħu/tagħha.

L-applikanti għandhom jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, li tinkiseb *online* jew mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, Raħal Ġdid, mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Frar, 2004. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08.

It-13 ta' Frar, 2004

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

IT Lecturing Staff in Malta and Gozo

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit in the Institute of Information and Communication Technology full and part-time lecturing staff at all levels up to a First Degree.

Lecturing staff will be qualified and experienced in one or more of the following areas:

Computer Systems and Architecture

Software Development (Visual Basic, C++, Java, Applications)

Web Development

Computer Networks (LANS, WANS)

Object Oriented Techniques Systems

E-Commerce

Artificial Intelligence

Quality Assurance

Project Management Operating

This calls for highly motivated lecturing personnel who are striving to make a good career with a fast-growing and forward-looking organization. The persons will be required to be proficient in the field of information and communication technology and who are competent in imparting to students the knowledge and practical skills which are essential for today's information economy. Final year University students are invited to apply since the option exists whereby the candidate can commence work upon completion of his/her studies.

Applicants should submit the MCAST Application Form, available online and from the Office of the Administrative Director, Paola, by not later than Friday, 27th February 2004 at noon. Late applications will not be considered. If further information is required please refer to the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08.

13th February, 2004

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

French Language Summer Bursaries 2004
(for Maltese Citizens only)

The French Government is offering a number of short language courses of one month's duration, for teachers or students of French during summer 2004.

The bursary does not cover travel expenses.

Further information as well as application forms are available from the Ministry of Foreign Affairs, Valletta or from the Ministry's own Website (www.foreign.gov.mt/news/scholarships/), or Information Section, Banca Giuratale, Victoria, Gozo. Application forms should be submitted in duplicate to the Scholarships Section at the Ministry of Foreign Affairs, Valletta from 8.30 a.m. to noon and by not later than noon of Monday, 8th March 2004.

Successful candidates may be required to enter into a contract to serve the Government or the Private Sector of Malta upon completion.

Applications from Government and Parastatal employees and from the Private Sector will not be considered unless recommended by their Head of Department/Employer respectively.

Late applications will not be considered.

The Board's decision will be final.

13th February, 2004

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

Scholarships for Postgraduate or Undergraduate studies in any discipline 2004/2005
(for Maltese Citizens only)

The China Scholarship Council of the People's Republic of China is offering a scholarship to learn Chinese or engage in postgraduate and advanced studies in any discipline in Chinese Universities during academic year 2004/2005.

Students who do not know Chinese are required to take a course in elementary Chinese before taking up their speciality.

Applicants may choose three institutions and one speciality as personal preference. List of Chinese Institutions admitting International Students under Chinese Government Scholarship Programme is available on website: www.csc.edu.cn

Travel expenses are not covered by the Scholarship.

Further information as well as application forms are available from the Ministry of Foreign Affairs, Valletta or from the Ministry's own Website (www.foreign.gov.mt/news/scholarships/) or the Information Section, Banca Giuratale, Victoria, Gozo. Application forms should be submitted to the Scholarships Section at the Ministry of Foreign Affairs, Valletta from 8.00 a.m. to noon and by not later than noon of Monday, 10th March, 2004.

Successful candidates may be required to enter into a contract to serve the Government or the Private Sector of Malta upon completion.

Applications from Government and Parastatal employees and from the Private Sector will not be considered unless recommended by their Head of Department/Employer respectively.

Late applications will not be considered.

The Board's decision will be final.

13th February, 2004

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Riżultat ta' Intervista għall-Postijiet ta' *Scientific Officer* fit-Taqsima tas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Id-Direttur Ġenerali (Servizzi Agrikoli u Żviliupp Rurali), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, jgħarraf illi r-riżultat ta' l-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-13 ta' Frar, 2004

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Result of Interview of the Post of Scientific Officer in the Agricultural Services and Rural Development Division in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Director General, Agricultural Services and Rural Development) Ministry for Rural Affairs and the Environment, notifies that the result of the interview for the abovementioned posts has been published and can be viewed on the main notice-board at the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

13th February, 2004

DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

Riżultat ta' l-Intervista għall-Post ta' *Assistant Technical Officer (Mechanical Workshop,* Sptar San Luqa) fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali tad-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il- Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-13 ta' Frar, 2004

DEPARTMENT OF HEALTH

Result of Interview for the Post of Assistant Technical Officer (Mechanical Workshop, St. Luke's Hospital) in the Health Division

The Director General notifies that the result of the interview for the above-mentioned post may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

13th February, 2004

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Riżultat ta' Intervista għall-Postijiet ta' *Scientific Officer* fit-Taqsima tas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Id-Direttur Ġenerali (Servizzi Agrikoli u Żviliupp Rurali), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, jgħarraf illi r-riżultat ta' l-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-13 ta' Frar, 2004

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Result of Interview of the Post of Scientific Officer in the Agricultural Services and Rural Development Division in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Director General, Agricultural Services and Rural Development) Ministry for Rural Affairs and the Environment, notifies that the result of the interview for the abovementioned posts has been published and can be viewed on the main notice-board at the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

13th February, 2004

KUNSILL LOKALI KIRKOP

Il-Kunsill Lokali Kirkop jgħarraf illi t-traffiku kollu li jgħaddi mill-mini ta' Ħal Kirkop fid-direzzjoni tal-Belt Valletta se jkun ristrett għall-korsija waħda fuq din in-naħa tal-mina minn nhar it-Tnejn, is-16 ta' Frar, 2004 sal-Ġimgħa, l-20 ta' Frar, 2004. Il-pubbliku huwa mitlub jikkollabora u juża l-prudenza sabiex jiġu evitati inċidenti u konġestjonijiet tat-traffiku.

It-13 ta' Frar, 2004

KIRKOP LOCAL COUNCIL

The Kirkop Local Council notifies that all traffic that passes through Kirkop tunnels in the direction of Valletta shall be diverted to use one lane during the period Monday, 16th February, 2004 and Friday 20th February, 2004. The general public is kindly asked to collaborate and use prudence in order to avoid potential accidents and traffic congestions.

13th February, 2004

THE QUALITY ASSURANCE INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE

Merit Award Scheme - 2004

Il-*Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Audit Committee)* fi ħdan id-Diviżjoni tas-Saħħa jilqa' applikazzjonijiet għal proposti għas-Sena 2004 minghand uffiċjali mediċi eliġibbli mill-kategoriji ta' *Chairman*/Direttur Kliniku, Konsulent, *Senior Registrar,* u Uffiċjal Mediku Prinċipali, impjegati fis-Setturi tas-Saħħa, inklużi dawk impjegati mill-Ministeru ta' Għawdex u d-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi Komunitarji.

L-applikazzjonijiet għandhom isiru fuq formoli apposta u għandhom jaslu fl-Uffiċċju tal-QAIAC fil-Ministeru tas-Saħħa, Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 03, sa mhux aktar tard mis-27 ta' Frar, 2004. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Uffiċjali eliġibbli jistgħu jiksbu kopja tal-formola ta' l-applikazzjoni u kundizzjonijiet mill-*website* tad-Diviżjoni tas-Saħħa http://www.health.gov.mt/forms/medicaldoctors/audit.pdf jew permess taċ-Ċirkulari Nru. DH/18/2004. Għal iżjed tagħrif jistgħu jikkuntattjaw lis-Segretarju Eżekuttiv fl-Uffiċċju tal-QAIAC fuq in-numru tat-telefon 22992231.

It-13 ta' Frar, 2004

THE QUALITY ASSURANCE INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE

Merit Award Scheme - 2004

The Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Audit Committee) within the Health Division invites applications for proposals for 2004 from eligible medical officers from the categories of Clinical Chairman/Director, Consultant, Senior Registrar, and Principal Medical Officer employed in the Health Sectors, including those employed by the Ministry for Gozo and the Department for the Elderly and Community Services.

Applications on the designated forms should reach the Office of the QAIAC at the Ministry of Health, Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 03, by not later than 27th February, 2004. Late applications will not be considered.

Eligible officers may obtain a copy of the application form and the relative conditions from the Health Division website: http://www.health.gov.mt/forms/medical_doctors/audit.pdf or by means of DH Circular No. 18/2004. For further information contract the Executive Secretary at the QAIAC Office on telephone number 22992231.

13th February, 2004

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-24 ta' Frar, 2004, għal:

CT 1/2004. Provvista, kummissjonar ta' *monitoring equipment* għad-Dipartiment tad-Drenaġġ. Proġett ta' l-E.U. - Ref: B7-040 MT2002 NP *National Pre-Accession Programme 2002 for Malta*.

Sa l-10.00 a.m. tal-Ħamis, is-26 ta' Frar, 2004, għal:

CT 2/2004. Provvista ta' konkos tat-tip *ready mixed* għall-użu ġenerali u marittimu f'Għawdex (Sena 2004) - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas id-dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 3/2004. Provvista ta' pilloli *topiramate 100mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 4/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *flupentixol 100mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 5/2004. Provvista ta' *sevoflurane inhalation anaesthetic* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 6/2004. Provvista ta' pilloli *pergolide 1mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 7/2004. Provvista ta' *spare parts* għall-*General Motors Detroit Diesel V12-71 marine engines* - Forzi Armati ta' Malta.

CT 8/2004. Provvista ta' *incontinence bed pads* u *disposable adult nappies* - Kumitat tal-*Welfare*. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 14/2004. Kuntratt perjodiku għal provvista ta' *boiler suits* lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-2 ta' Marzu, 2004, għal:

CT 17/2004. Provvista u stallazzjoni ta' għamara għall-Uffiċċji ta' l-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol – Ministeru għall-Politika Soċjali.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-4 ta' Marzu, 2004, għal:

CT 18/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' siment

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 24th February, 2004, for:

CT 1/2004. Supply, delivery, commissioning of monitoring equipment for the Drainage Department. E.U. Project - Ref: B7-040 MT2002 NP National Pre-Accession Programme 2002 for Malta.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 26th February, 2004, for:

CT 2/2004. Supply of ready mixed concrete for general and maritime use in Gozo (Year 2004) - Ministry for Gozo. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 3/2004. Supply of topiramate 100mg tablets - Health Division.

CT 4/2004. Supply of flupentixol 100mg injections - Health Division.

CT 5/2004. Supply of sevoflurane inhalation anaesthatic - Health Division.

CT 6/2004. Supply of pergolide 1mg tablets - Health Division.

CT 7/2004. Supply of spare parts for General Motors Detroit Diesel V12-71 marine engines - Armed Forces of Malta.

CT 8/2004. Supply of incontinence bed pads and disposable adult nappies - Welfare Committee. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 14/2004. Period contract for the supply of boiler suits to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 2nd March, 2004, for:

CT 17/2004. Supply and installation of furniture for the office building of the Occupational Health and Safety Authority – Ministry for Social Policy.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 4th March, 2004, for:

CT 18/2004. Period contract for the supply of Portland

tat-tip *Portland* lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-9 ta' Marzu, 2004, għal:

CT 12/2004. Provvista, konsenja, stallazzjoni u kummissjunar ta' *microprocessor controlled Capillary Column Gas Chromatograph with Mass Spectroscopic Detector* għad-Dipartiment tal-Kimika - l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 13/2004. Bini ta' *traffic lights junction* fi Triq Tal-Barrani, iż-Żejtun - Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 16/2004. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' tagħmir għall-I.T. u *Voice Call Store System* lit-Taqsima għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd. Proġett ta' l-*E.U. – National Pre-Accession Programme 2002 for Malta*.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-11 ta' Marzu, 2004, għal:

CT 15/2004. Servizzi ta' *nursing* għas-Sala tal-Forensika l-ġdida fl-Isptar Monte Karmeli – Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-18 ta' Marzu, 2004, għal:

CT 11/2004. Provvista, konsenja u stallazzjoni ta' materjali u tagħmir għall-*viticultural activities in vineyards and the setting up of a Microvinification Unit, a Microbiology Laboratory and an Oenology Laboratory* inkluż *after sales services,* manutenzjoni u taħriġ fil-*Viticulture and Oenology Unit* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Proġett ta' l-E.U. - EuropeAid/116924/D/S/MT *National Pre-Accession Programme 2004 for Malta*.

CT 19/2004. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' *offset two printing units perfecting machine* – Stamperija tal-Gvern.

CT 20/2004. Kisi ta' Dawret l-Imtarfa, l-Imtarfa *(Periferija tat-Tramuntana)* – Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-25 ta' Marzu, 2004, għal:

*CT 21/2004. Provvista ta' *microsets* – Diviżjoni tas-Saħħa.

*CT 22/2004. Provvista ta' kapsoli *acitretin 25mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

*CT 23/2004. Provvista ta' *consumables for CPAP system* – Diviżjoni tas-Saħħa.

cement to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 9th March, 2004, for:

CT 12/2004. Supply, delivery, installation and commissioning of microprocessor controlled Capillary Column Gas Chromatograph with Mass Spectroscopic Detector for the Department of Chemistry - University of Malta. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document.

CT 13/2004. Construction of traffic lights junction at Triq Tal-Barrani, Żejtun - Roads Directorate. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 16/2004. Supply, delivery, installation and commissioning of I.T. equipment and a Voice Call Store System of the Fisheries Conservation and Control Division. E.U. Project – Ref: National Pre-Accession Programme 2002 for Malta.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 11th March, 2004, for:

CT 15/2004. Nursing services for the new Forensic Ward at Mount Carmel Hospital – Department of Correctional Services. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 18th March, 2004, for:

CT 11/2004. Supply, delivery and installation of materials and equipment for viticultural activities in vineyards and the setting up of a Microvinification Unit, a Microbiology Laboratory and an Oenology Laboratory including after sales services, maintenance and training at the Viticulture and Oenology Unit within the Ministry for Rural Affairs and the Environment. E.U. Project - Ref: EuropeAid/116924/D/S/MT National Pre-Accession Programme 2002 for Malta.

CT 19/2004. Supply, installation and commissioning of an offset two printing units perfecting machine – Government Printing Press.

CT 20/2004. Surfacing of Mtarfa Bypass, Mtarfa (North Bound) – Roads Directorate. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 25th March, 2004, for:

*CT 21/2004. Supply of microsets – Health Division.

*CT 22/2004. Supply of acitretin 25mg capsules – Health Division.

*CT 23/2004. Supply of consumables for CPAP system – Health Division.

*CT 24/2004. Provvista ta' *gluten free cracker bread* – Diviżjoni tas-Saħħa.

*CT 25/2004. Provvista ta' *prosthetic heart valves* – Diviżjoni tas-Saħħa.

*CT 26/2004. Provvista ta' *silver sulphadiazine 1% cream* – Diviżjoni tas-Saħħa.

*CT 27/2004. Provvista ta' *hydrocortisone acetate 10% w/w mucoadherent foam enema* – Diviżjoni tas-Saħħa.

*CT 28/2004. *Requests for proposals* għall-żvilupp u mplimentazzjoni ta' *fully integrated online transaction based eGovernment Service – Application for Permits and Notifications* offrut mill-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjannar (MEPA) – Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Investiment.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-22 ta' April, 2004, għal:

CT 9/2004. Applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-bdiewa Maltin biex jirranġaw ħitan tas-sejjieħ mwaqqa li jinsabu f'għelieqi mtarrġa u li jservu biex jirfdu u jżommu l-ħamrija f'posta (taħt l-iskema tar-*Rural Stewardship)* - Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent). Il-formola ta' l-applikazzjoni li tinkludi tagħrif dettaljat dwar din l-iskema tista' tinkiseb mill-uffiċċji ta' l-*Extension Services* tal-Mosta, Ħaż-Żabbar, ir-Rabat, is-Siġġiewi, u miċ-Ċentru ta' l-Agrikultura Nazzjonali għar-Riċerka u Żvilupp, l-Għammieri, il-Marsa f'Malta u l-Uffiċċju ta' l-*IACS,* ir-Rabat, f'Għawdex bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa, (7.00 a.m. sas-2.00 p.m.). Proġett ta' l-E.U. - Ref: NP2003 Numru tal-Proġett 4573/04.

Sa l-10.00 a.m. tal-Ħamis, l-20 ta' Mejju, 2004, għal:

CT 10/2004. Applikazzjonijiet mill-*Producer Groups* għall-għajnuna finanzjarja (Taħt l-iskema tar-*Rural Business Scheme for Producer Groups)* - Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent. Il-formola ta' l-applikazzjoni li tinkludi tagħrif dettaljat dwar din l-iskema tista' tinkiseb mill-uffiċċji tal-*Extension Services* tal-Mosta, Ħaż-Żabbar, ir-Rabat, is-Siġġiewi u miċ-Ċentru ta' l-Agrikultura Nazzjonali għar-Riċerka u Żvilupp, l-Għammieri, il-Marsa f'Malta u l-Uffiċċju ta' l-*IACS,* ir-Rabat, f'Għawdex, bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa, (7.00 a.m. sas-2.00 p.m.). Proġett ta' l-E.U. - Ref: NP2003 Numru tal-Proġett 4573/04.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

*CT 24/2004. Supply of gluten free cracker bread – Health Division.

